# MID-DJARJU TIEGHI

**Il-Ħadd, 11 ta' Awissu, 1940.**

Ġimgħa aħjar minn ta' qabilha! Bombi xejn!

Nhar it-Tnejn li għaddew, f'nofs inhar sewwa, nhar l-Erbgħa fil-ħamsa ta' filgħodu u l-bieraħ (is-Sibt), ftit qabel dalam, ta' kull darba kellna żjajjar minn l-ajruplani Taljani, bla tfigħ ta' bombi. U ta' kull darba s-sireni erħilhom isaffru kemm jifilħu, it-tfal igħajtu u jidħku u n-nies tiġri għall-kenn; jinstama' t-treddin fil-bogħod tal-magni ta' l-ajru, tir qawwi tal-kanuni tagħna — u xejn aktar.

Kieku l-gwerra kellha tkun dejjem hekk, ma kenitx tkun kerha bosta. Min igħid u jitkellem il-ġurnata kollha kemm hi twila fil-ħwienet tax-xorb u tal-kafè; iż-żagħżagħ jinnamraw daqs il-qtates; u oħrajn, bħali, iqattgħu ħin il-mistrieħ tagħhom jilgħabu t-trisett jew il-belladonna.

"Tal-ġelati" llum marru tajjeb. Kienet ġurnata ta' xemx u ta' sħana li ma ngħidlekx; u tfal u kbar erħilhom bis-silġ ma' ħalqhom minn x'ħin sebaħ sa ma dalam.

Għadni ma nistax nifhem kif il-Gvern għadu qed iħalli l-bejgħ tal-ġelati jsir bla ebda kontroll; mita dawn fihom ħalib tal-bott, zokkor u x'naf jien—f'kelma waħda: ħwejjeġ meħtieġa ħafna għall-ikel, li jridu jiġu minn barra; u li qegħdin jonqsu kuljum.

Donnu min hu f'ras il-għajn ftit qed iħabbel rasu kif ninqdew bil-ftit li għandna maħżun; u li meta jintemm, aktarx li niġu id waħda wara u l-oħra quddiem. Madankollu naħseb li l-fehma ta' dawk li qed imexxu d-dgħajsa hi li jħallu l-poplu jagħmel li jrid, sakemm il-poplu joqgħod ġwejjed u b'sabru; u ma jħabblu rashom xejn b'dak li jista' jiġri sena oħra—għaliex sa sena oħra jistgħu jiġru ħwejjeġ wisq aktar koroh min-nuqqas tal-ħalib tal-bott u taz-zokkor.

Aħjar in-nies ma titnaffarx. Aħjar wieħed ifissidha kemm jista' jkun—imqar bil-bejgħ tal-ġelati—għaliex il-kotra għad trid tħallasha qares tal-ġelat żejjed li qed tiekol issa, tal-ħala li qed taħli llum; u tal-jiem ta' sliem u sabar li għaddejjin minn fuqha bħal issa.

U, wara kollox, it-tfal u ż-żgħażagħ mimlijin ħerqa u saħħa, ftit sejrin iħabblu rashom biż-żmenijiet koroh li għad iridu jiġu fuqna. Il-bieraħ, ftit qabel dalam, mort dawra fi Triq il-Wied,

li minn Birkirkara tagħti għall-Imsida. X'ħin ħallejt id-djar u qbadt it-triq tal-wied, ma ngħoddx ma' kemm-il tnejn iltqajt, id f'id, fuq xi ħajt baxx tas-sejjieħ, itennu bil-ħlewwa kollha l-ġrajja li tiftakar żmien Adam.

U bejni u bejn ruħi għedt: "L-imħabba u ż-żgħożija jisbqu kollox! Oħloq kemm trid għodod ta' qirda. Billi? L-imħabba tegħlibhom; u ma jżommha ħadd!"

U donnu li hekk hu.

F'nofs theddid ikrah ta' ħsara, ta' qirda u ta' mewt bħalma hu dak li aħna fih illum, iż-żgħożija tibqa' trid tgħix u tinħabb; u l-ħajja—rasha iebsa—tfittex li tibqa' sejra bħal qabel, jekk mhux b'għaġla aktar kbira. (*)

Ġ. Ellul Mercer

(*) Paġna oħra mid-djarju ta' l-awtur dehret fil-ħarġa ta' "Il-Malti" ta' Settembru, 1948. Jekk l-awtur laħaq kiteb djarju sħiħ l-istampa tiegħu tkun ta' ġid kbir għall-istorja soċjali tagħna. .—(**L-EDITUR**).